**PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN**

**AVVIŻI** **23 TA' LULJU 2017**

**Ġabra Speċjali għall-Festa**

Illum qed issir ir-raba' ġabra speċjali għall-festa. Nirringrazzjakom tal-ġenerożità tagħkom.

**Ħruġ tal-Vara ta' Sant'Anna min-Niċċa**

Għada / Illum il-Ħadd wara l-quddiesa tas-6:00pm toħroġ il-vara ta' Sant'Anna min-niċċa fuq iz-zuntier. Inħeġġukom tattendu u qed nistiednu t-tfal sabiex jattendu.

**Jum il-Komunità**

It-Tnejn 24 ta' Lulju 2017 fis-6:30pm quddiesa mmexxija mill-E.T. Mons. Paul Darmanin OFM Cap, Isqof Emeritus ta' Garissa fil-Kenja, quddiesa għall-komunità parrokkjali tagħna u mistiedna wkoll is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera u l-Għaqdiet kollha tal-Komunità ta' Wied il-Għajn.

**Jum il-Persuni b'diżabilità u Jum l-Anzjani**

It-Tlieta 25 ta' Lulju 2017 fid-9:00am *water games* għat-tfal sa 13-il sena fis-*swimming pools* fuq is-simenta. Fid-9:30am quddiesa għall-persuni b'diżabilità fiċ-Ċentru Vajrita. Fis-6:30pm quddiesa li fiha mistiedna l-anzjani tal-parroċċa u r-residenti Skalin.

**Jum il-Vokazzjonijiet, l-Adolexxenti u ż-Żgħażagħ**

L-Erbgħa 26 ta' Lulju 2017 fis-6:30pm quddiesa li fiha ssir il-Vestizzjoni tal-Abbatini. Fit-8:00pm quddiesa animata mill-adolexxenti u ż-żgħażagħ fuq is-simenta u wara nkomplu bis-serata imtella minnhom stess.

**Jum it-Tfal**

Il-Ħamis 27 ta' Lulju 2017 fid-9:00am *water games* għat-tfal sa 13-il sena fi *swimming pools* fuq is-simenta. Fis-5:45pm it-tfal jiltaqgħu fil-Qasam tal-Mużew Subien u fis-6:00pm tibda d-dimostrazzjoni bl-istatwa ta' Sant'Anna għall-knisja fejn tibda l-quddiesa fis-6:30pm animata mit-tfal.

**Jum il-Preżentazzjoni tat-Trabi lil Sant'Anna**

Il-Ġimgħa 28 ta' Lulju 2017 fis-6:30pm quddiesa li fiha ssir il-preżentazzjoni tat-trabi lil Sant'Anna. Dawk il-ġenituri li rċivew l-invit id-dar ma jinsewx iġibu magħhom in-naħa ta' fuq tal-invit.

**Quddiesa ta' Ringrazzjament lil Alla għall-ġid li qed jagħmel magħna**

Is-Sibt 29 ta' Lulju 2017 fit-7:45am quddiesa li fiha nirringrazzjaw lil Alla għall-ġid li jagħmel magħna u jitkanta t-Te Deum.

**Lejlet il-Festa**

Is Sibt 29 ta' Lulju 2017 lejliet il-festa, jkun hawn quddiesa fil-5:30pm fil-Knisja Parrokkjali u fis-7:30pm tibda l-quddiesa fuq is-simenta mill-E.T. Mons. Charles Scicluna, Arċisqof ta' Malta. Inħeġġukom sabiex nattendu.

**Jum il-FESTA ta' SANT'ANNA**

Il-Ħadd 30 ta' Lulju 2017 fid-9:15am tibda l-quddiesa tal-festa u fis-7:00pm tibda ħierġa l-purċissjoni bl-istatwa ta' Sant'Anna.

**Ljieli Maltin**

Mill-lejla sal-Ħadd mit-8:00pm 'l quddiem ikun hawn Iljieli Maltin b'kant, żfin, ikel u xorb fuq is-simenta.

**Dgħajjes**

Peress li ser jinħaraq in-nar minn fuq il-baħar is-Sibt u l-Ħadd tal-festa navżaw lill-propjetarji tad-dgħajjes biex ineħħu d-dgħajjes tagħhom skont kif jidher fl-avviż u l-mappa ta' Transport Malta.